

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Lulju 2016 – Volkswagen vs EUIPO (ConnectedWork)(Kawża T-491/15) ⁽¹⁾

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea ConnectedWork — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u l-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Obbligu ta' motivazzjoni”]

(2016/C 314/31)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Volkswagen AG (Wolfsburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: U. Sander, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Eberl u A. Schifko, aġenti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Ġunju 2015 (Każ R 160/2015-5), li tikkonċerna applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjali verbali ConnectedWork bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Volkswagen AG hija kundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 337, 12.10.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Lulju 2016 – Monster Energy vs EUIPO – Mad Catz Interactive (Rappreżentazzjon ta' kwadru iswed b'erba' strixxi bojod)(Kawża T-567/15) ⁽¹⁾

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta kwadru iswed b'erba' strixxi bojod — Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea preċedenti li tirrappreżenta tliet dwiefer ippożizzjonati vertikalmnt — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2016/C 314/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Monster Energy Company (Corona, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: P. Brownlow, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Mad Catz Interactive (San Diego, California, l-Istati Uniti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-1 ta' Lulju 2015 (Każ R 2368/2014-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Monster Energy Company u Mad Catz Interactive.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) *Monster Energy Company* hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 381, 16.11.2015.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Ġunju 2016 – ICA Laboratories et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-732/15 R II)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Ambjent — Protezzjoni tal-konsumaturi — Regolament li jistabbilixxi l-livelli massimi ta' residwi għall-gważatina — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Talba għida — Assenza ta' fatti ġodda — Nuqqas ta' urġenza”)

(2016/C 314/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ICA Laboratories Close Corp. (Century City, ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel); ICA International Chemicals (Proprietary) Ltd (Century City); u ICA Developments (Proprietary) Ltd (Century City) (rappreżentanti: K. Van Maldegem, R. Crespi u P. Sellar, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: X. Lewis u P. Ondrůšek, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 160 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1910, tal-21 ta' Ottubru 2015, li jemenda l-Annessi III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-gważatina f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU 2015, L 280, p. 2).

Dispożittiv

- 1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*
- 2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2016 – Jindal Saw u Jindal Saw Italia vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-300/16)

(2016/C 314/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Jindal Saw Ltd (New Delhi, l-Indja) u Jindal Saw Italia SpA (Trieste, l-Italja) (rappreżentanti: R. Antonini u E. Monard, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/387, tas-17 ta' Marzu 2016, li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali), li joriġinaw mill-Indja, sa fejn dan jirrigwarda lir-rikorrenti; u

— tordna lill-Kummissjoni tbatl l-ispejjeż tal-kawża.